MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 212/2007

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi r-rikorrent A B u l-intimata C D zzewgu fl-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;

2. Illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ma twieldux tfal;

3. Illi l-kontendenti sseparaw legalment permess ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tmintax (18) ta'

Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003) fl-atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia (Dok. B);

4. Illi l-kunsens tal-intimata ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

5. Illi l-kunsens tal-intimata inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghall-att taz-zwieg;

6. Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-partijiet hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tal-ewwel (1) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti tal-ligi u dan skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta rrispondiet :

1. Illi z-zwieg huwa null u minghajr effett u dan ghal ragunijiet diversi minn dawk esposti fir-rikors guramentat.

2. Illi z-zwieg huwa null minhabba difett fil-kunsens attribwibbli lill-attur rikorrent.

3. Illi l-attur wera nuqqas ta' maturita' fl-agir tieghu u konsegwentement il-kunsens minnu moghti kien afflit b' nuqqasijiet serji u gravi.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fl-1 ta’ Mejju 1999 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali ta’ din kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta, filwaqt li taqbel li z-zwieg huwa null, tattribwixxi dan ghal difett fil-kunsens ta’ l-attur li “wera nuqqas ta’ maturita’ fl-agir tieghu, u konsegwentement il-kunsens minnu moghti kien afflit b’ nuqqasijiet serji u gravi.”[1]

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u mill-provi akkwiziti ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti:

Il-partijiet izzewgu fl-1 ta’ Mejju 1999 meta allura l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta kellha 19-il sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa tlett snin u nofs li l-ahhar sentejn minnhom il-konvenuta ghamlithom tghix fid-dar tal-genituri ta’ l-attur minhabba problemi serji li hi kellha mal-familjari taghha. Wara konvivenza matrimonjali ta’ tlett [3] snin il-partijiet isseparaw de facto meta l-konvenuta telqet mid-dar konjugali ; u fit-18 ta’ Marzu 2003 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Fil-prezent, iz-zewg partijiet ghandhom relazzjoni extra matrimonjali.

---

[1] Fol.23

*Verzjoni Attur*

Illi l-attur jghid li huwa kien beda johrog mal-konvenuta meta din kellha kwazi 15-il sena, filwaqt li hu kellu 22 sena. Il-ġenituri taghha, li kienu separati, kienu kontra din ir-relazzjoni, u ghalhekk matul il-perijodu ta' qabel iz-zwieg, dawna kienu jippruvaw jimpedixxu li din ir-relazzjoni twassal ghaz-zwieg ta' binthom. Konsegwenza ta' dan, kompla jaggrava l-inkwiet bejn il-konvenuta u l-genituri taghha, bir-rizultat li din marret toqghod mal-genituri ta' l-attur.

Wara li zzewgu, il-partijiet marru joqghodu ghal rashom f' post mikri, izda sussegwentement regghu marru joqghodu mal-genituri ta' l-attur sakemm jlestu l-post li kellu jkun id-dar konjugali taghhom.

Illi wara sentejn miz-zwieg il-konvenuta kienet harget tqila, izda sfortunatament korriet, u sussegwentement ma riditx tfal aktar. Sa dan iz-zmien il-partijiet kienu qed jesperjenzjaw problemi fir-relazzjoni matrimonjali taghhom; u jghid li wara sentejn u nofs miz-zwieg il-konvenuta, allura martu, kienet qaltlu li ma kinitx ghadha thobbu. Jghid li, nonostante, l-intervent ta' familjari tieghu u hbieb, sabiex l-attur jipprova jsalva z-zwieg tieghu mal-konvenuta, dina baqghet twebbes rasha li riedet tilaq mid-dar konjugali, u di fatti hekk ghamlet.

Illi l-attur u xhieda tieghu jghidu li, ftit wara s-separazzjoni de facto, dawn skoprew li l-konvenuta kellha relazzjoni extra matrimonjali, u dana matul iz-zmien li l-attur kien qed jipprova jhajjar lill-konventua tirritorna fid-dar konjugali.

Huwa jghid li r-relazzjoni extra matrimonjali tal-konvenuta kienet bdiet matul il-konvivenza matrimonjali u "mill-ewwel marret ftit granet wara [is-separazzjoni] mieghu go lukanda..."[2] Dan jinsab konfermat mix-xhud Mark Attard.[3] Il-konvenuta tammetti li, xaharejn wara s-separazzjoni, hi bdiet tohrog ma' wiehed u kienet kriet kamra f' Lukanda.

---

[2] Fol.52
[3] Fol.29

Rigward l-indhil fiz-zwieg minn naha tal-familjari tal-partijiet, l-attur jikkonferma li kien hemm indhil kemm minn naha tal-genituri tieghu, kif ukoll minn naha tal-genituri tal-konvenuta.

*Verzjoni Konvenuta*

Il-konvenuta tghid li huma kellhom gherusija normali, u minkejjja l-problemi li kienet ghaddejja minnhom minhabba s-separazzjoni tal-genituri taghha, hija kienet ferhana ma' l-attur u riedet tizzewgu.

Tghid pero' li, sa minn qabel iz-zwieg, hija ma kinitx taqbel ma' ommu, stante li din kienet tindahal hafna bejniethom ; kienet tinsisti u timponi fuqhom. Kien ghalhekk li, wara z-zwieg, hija ma kinitx riedet terga' tmur toqghod fid-dar tal-genituri ta' l-attur ;  u meta, wara sena tal-konvivenza matrimonjali, l-attur kien qallha li ried jerga' imur jghix maghha ghand il-genituri tieghu, kompla jinqala' l-inkwiet bejn il-partijiet.

Il-konvenuta tilmenta mill-fatt li l-attur kien "mummy's boy" u kull ma kien jigri bejniethom kien imur jghid lil ommu li minn naha taghha kienet iccempel lilha u tindahal fejn mhux suppost.  Sussegwentement xtraw il-post.

Hija tilmenta wkoll mill-fatt li l-attur kien ossessjonat bin-namra tal-kacca, bir-rizultat li kien ihalli lill-konvenuta hafna hin waheda; u tghid li ghall-attur il-kacca kienet tigi qabel kollox, anke qabilha. Dan kien fattur li xellef mhux bil-ftit ir-relazzjoni matrimonjali taghhom, tant, li wara sena u nofs miz-zwieg, il-konvenuta kienet talbet lill-attur biex imorru ghall-counselling b' tentattiv biex isalvaw iz-zwieg, izda l-attur kien irrifjuta.

Hija tghid li kienet izzewget lill-attur ghax kienet thobbu, u anke riedet li jkollha t-tfal minnu ; izda r-relazzjoni taghhom ma setghetx tipprogredixxi peress li l-attur kien egojist, u marbut wisq mal-genituri tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti f' dan il-kaz tirravviza, fil-konfront taz-zewg partijiet, il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat.

Il-komportament taz-zewg partijiet wara z-zwieg huwa evidenza tal-fatt li dawna kienu nkapaci li jezegwixxu debitment obbligu matrimonjali essenjali, cioe' dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. L-immaturita' da parti ta' l-attur li baqa' jghix fid-dell tal-genituri tieghu, minn naha ; u l-immaturita' minn naha l-ohra tal-konvenuta li, hekk kif iltaqet ma' intopp fil-bidu taz-zwieg, hija abbandunat lil zewgha biex bdiet relazzjoni extra matrimonjali ma' terza persuna ; dawn il-fatturi kienu ta' impediment serju sabiex il-partijiet, bhala koppja mizzewga, jibdu bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba.

Dan juri li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom iz-zewg partijiet kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-import tal-hajja konjugali, li jwassal ghan-nullita' taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici u l-eccezzjoni tal-konvenuta huma parzjalment gustifikati fil-fatt u fid-dritt fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' limitatament it-talba attrici u l-eccezzjoni tal-konvenuta, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Mejju 1999.

L-ispejjez jigu sopportati konguntivament bejn iz-zewg partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------